



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0504/2023**

8.12.2023

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-30 sena tal-kriterji ta' Copenhagen - aktar impetu lill-politika tat-  
tkabbir tal-UE  
(2023/2987(RSP))

**Andrius Kubilius, Michael Gahler, Vladimír Bilčík, Siegfried Mureşan,  
David Lega, Tom Vandenkendelaere, Traian Băsescu, Eugen Tomac,  
Gheorghe Falcă, Dan-Ştefan Motreanu, Alexander Alexandrov Yordanov,  
Michaela Šojdrová, Aušra Maldeikienė, Liudas Mažylis**  
f'isem il-Grupp PPE

**B9-0504/2023**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-30 sena tal-kriterji ta' Copenhagen - aktar impetu lill-politika tat-tkabbir tal-UE (2023/2987(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Kriterji ta' Copenhagen stabbiliti f'Ġunju 1993,
  - wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 49 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, f'Tessaloniki, fil-21 ta' Ġunju 2003 dwar il-prospettiva tal-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2022 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-istrateġija l-ġdida tal-UE għat-tkabbir,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Balkani tal-Punent, wara s-Summit 2020,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23-24 ta' Ġunju 2022, u tad-29-30 ta' Ġunju 2023,
  - wara li kkunsidra l-Pakkett tat-Tkabbir 2023 tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023,
  - wara li kkunsidra r-Regola 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-tkabbir huwa l-aktar strument effikaċi tal-politika barranija tal-UE u wieħed mill-aktar politiki ta' suċċess tal-Unjoni, għadu investiment fl-istabbiltà u fil-prosperità fuq il-kontinent Ewropew b'mod strateġiku u ġeopolitiku, orjentat lejn il-futur;
- B. billi fid-dawl tat-theddida dejjem tikber tar-Russja għall-paċi u l-istabbiltà Ewropea, politika ta' tkabbir imsaħħa tibqa' l-aktar għodda politika b'saħħitha għad-dispożizzjoni tal-UE;
- C. billi t-tkabbir huwa proċess ta' benefiċċju għal kulħadd u kien strument effettiv ħafna u ta' suċċess biex jagħti spinta lir-riformi meħtieġa kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi applikanti, li jgħin biex titħeġġeġ it-trasformazzjoni demokratika;
- D. billi l-adeżjoni mal-UE teħtieġ li dejjem tkun proċedura bbażata fuq il-mertu fejn kull applikant jiġi vvalutat fuq il-mertu tiegħu stess fl-issodisfar tal-kriterji ta' Copenhagen, b'mod partikolari dawk li jiżguraw rispettt sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt; billi l-proċess ta' adeżjoni huwa stabbilit fl-

Artikolu 49 tat-TUE; billi l-kapaċità ta' integrazzjoni tal-UE teħtieġ li titqies ukoll; billi għandhom jinstabu riżultati pożittivi malajr kemm jista' jkun;

- E. billi fil-Pakkett tat-Tkabbir tagħha tal-2023, il-Kummissjoni rrakkomandat li jinbdew negozjati ta' adeżjoni mal-Ukrajna u mar-Repubblika tal-Moldova, kif ukoll mal-Bożnija-Ħerzegovina ladarba tkun inkisbet il-konformità rilevanti mal-kriterji tas-sħubija, u li l-Georgia tingħata status ta' kandidat;
1. Ifakkar it-30 anniversarju tal-kriterji ta' Copenhagen, filwaqt li japprezza s-sinifikat storiku tagħhom biex jipprovdu qafas ċar u effettiv għat-tkabbir tal-UE, u jiċċelebraw il-kisbiet u l-progress li saru minn diversi nazzjonijiet fil-vjaġġ tagħhom lejn is-sħubija fl-UE;
  2. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-kriterji ta' Copenhagen fl-iżgurar li l-pajjiżi kandidati juru impenn konsistenti u dejjiemi għad-demokrazija, għad-drittijiet tal-bniedem, u għar-riformi ekonomiċi, filwaqt li jadattaw ukoll għall-ħtiġijiet u l-isfidi tal-UE li qed jevolvu;
  3. Jemmen li t-tkabbir huwa ta' importanza strateġika għall-UE, u speċjalment fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jisħaq li politika imsaħħa ta' tkabbir saret waħda mill-għodod ġeopolitiċi l-aktar b'saħħithom għad-dispożizzjoni tal-UE u li ma hemmx aktar żoni griżi fil-viċinat tagħha; jirrimarka li t-tkabbir huwa investiment strateġiku fil-paċi, fis-sigurtà, fl-istabbiltà u fil-prosperità, kif ukoll xprun għad-demokrazija u għall-valuri Ewropej fil-kontinent;
  4. Jenfasizza l-ħtieġa ġeopolitika li jiġu inklużi l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia fl-UE, filwaqt li jenfasizza l-isforzi kontinwi tagħhom u l-importanza tal-integrazzjoni tagħhom għall-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali, u jħeġġeġ djalogu u kooperazzjoni kontinwi biex jissolvew il-kunflitti u d-differenzi eżistenti;
  5. Jissottolinja li l-adeżjoni mal-UE trid isseħħ f'konformità mal-Artikolu 49 tat-TUE, abbażi tar-rispett għall-proċeduri rilevanti u bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati l-kriterji stabbiliti, b'mod partikolari l-kriterji ta' Copenhagen għas-sħubija fl-UE, kif ukoll li titqies il-kapaċità ta' integrazzjoni tal-UE; jissottolinja li l-adeżjoni għandha dejjem tibqa' proċess ibbażat fuq il-mertu li jirrikjedi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi rilevanti mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia, b'mod partikolari fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, l-ekonomija tas-suq u l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE;
  6. Jirrimarka li l-allinjament mal-politika barranija u s-sigurtà komuni huwa wkoll mod kif tintwera aderenza sħiħa mal-prinċipji fundamentali tal-UE u indikatur importanti għal sħubija futura sostenibbli;
  7. Jinkoraġġixxi l-applikazzjoni konsistenti tal-istandards u tar-regoli għall-pajjiżi kandidati kollha, filwaqt li jipromwovi t-trasparenza u l-integrità fil-proċess tat-tkabbir, u jiżgura li d-deċiżjonijiet kollha jittieħdu b'mod li jkun ġust, imparzjali u li jirrifletti l-prinċipji ewlenin tal-Unjoni;
  8. Jisħaq li hemm il-ħtieġa ta' sorveljanza parlamentari aktar b'saħħitha tal-politika ta' tkabbir tal-UE; jinsisti fuq it-tiżiħ tar-rwol tal-Parlament matul il-proċess kollu ta'

adeżjoni, inkluż li huwa jitħalla jiskrutinizza bis-sħiħ il-progress li jkun sar mill-pajjiżi kandidati fl-oqsma tal-politika kollha;

9. Jenfasizza l-ħtieġa għal riformi interni tal-UE b'mod parallel mal-proċess tat-tkabbir, biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tintegra membri ġodda b'mod effettiv u biex jiġi żgurat li l-proċess ta' tkabbir jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-koeżjoni u l-istabbiltà ġenerali tal-UE;
10. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew tal-14–15 ta' Diċembru 2023 japprova r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ppreżentati fil-Pakkett tat-Tkabbir 2023 tiegħu mit-8 ta' Novembru 2023, u jiddeċiedi dwar il-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni mal-Ukrajna u mal-Moldova, kif ukoll il-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni mal-Bożnija-Herzegovina ladarba jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' konformità mal-kriterji tas-sħubija, u l-ġhotti tal-istatus ta' kandidat lill-Georgia bil-fehim li jittieħdu ċerti passi; jistieden lill-Kunsill jadotta wkoll il-qafas ta' negozjar mingħajr dewmien ladarba r-rekwiżiti rilevanti għal kull wieħed mill-pajjiżi kandidati jiġu ssodisfati sabiex in-negozjati tal-adeżjoni jibdew malajr;
11. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, tal-Ukrajna, tal-Moldova u tal-Georgia.